# *The Ramblers' Association of Malta*

***P.O. Box 108, Sliema, Malta. SLM 1000***
Tel/Fax: 21342121. Email: ram205@gmail.com
www.ramblersmalta.jointcomms.com/
www.ramblersassociation.blogspot.com/

Rapport Amministrattiv ghas-sena 2009.

Il-kumitat li gie elett sentejn ilu ltaqa hdax il-darba matul is-sena 2009, u tnax il darb jekk nghoddu il-laqgha ta' Jannar ta din is-sena.

Kien kumitat li hadem bis-shih biex jissalvagwardja il-kampanja Maltija u is-sabih ta' go fiha. Sfortunatament ma rnexxielu jakkwista xejn affattu. Laqghat u konferenzi, seduti u inviti kienu bzar fl-ghajnejn u ma ssarfu f'xejn konkret. Ghalkemm il-kumitat ma naqas xejn fid-dmir tieghu lejn il-membri, ghax kif jista jixhed kulhadd l-attivitajiet, il-mixjiet u l-giti organizzati kienu innovattivi u mzewqin bhal qatt qabel, l-isforzi tal-ezekuttiv centrali compost mil-President Lino Bugeja, minni Segretarju u l-PRO Joe Agius ma swew xejn u ghazaqna fl-ilma. L-awtoritajiet ghaddewna biz-zmien ghax komplew ikasbru il-ligijiet u direttivi li ahna dejjem insistejna fuqom. It-talba taghna u ta' siehba ambjentalisti ohra kienet li tigi osservata il-ligi! Hawn xi pajjiz iehor fl-Ewropa fejn is-socjeta civili taghmel pressjoni mal-awtoritajiet governattivi biex tigi mharsa il-ligi? Mhux tal-biki li l-awtoritajiet stess ikasbru bla misthija il-ligijiet u direttivi taghhom stess? Din hi s-sitwazzjoni li qed nittolleraw f'Malta taghna filwaqt li naraw din l-art helwa titlef il-hlewwa taghha kolla b'decizzjonijiet qarsa u ta' hsara li ma tissewwiex.

Kien kumitat li matul is-sena tilef membri minn hdanu ghal ragunijiet ta' nuqqas ta'qbil, nuqqas ta' hin u konflit ta'interess. Dr Louis Vella, Marie Louise Muscat Azzopardi, Sandro Bugeja, Anne Zammit kienu assi mitlufa. Pero kienu akkwisti kbar il-membri ko-optjati Sam Grech, Christian Colombo u Ingram Bondin, u dan ghalix dahlu ghall-impenn b'devozzjoni li ftit kienu dawk li wrewgha. Sam Grech refa hafna mill-piz tas-Segretarjat u wera li lest jidhol ghax-xoghol li jkun hemm bzonn, anke ta' emergency walks leader. Christian Colombo kien kagun li ntroduca lis-socjeta u l-ghanijiet taghha liz-zghazagh u studenti tal-universita. Ingram Bondin applika it-teknika tas-sengha li qed jipprofessjona fiha biex kompla fit-triq li

hejja JC Sullivan bit-twettiq tal-website taghna. Illum qeghdin posizzjoni ahjar ghax Ingram f'kuntatt kontinwu u mil vicin biex izomm is-sit aggornata minnufih bit-tibdil li jkun hemm bzonn u taghrif gdid li jidhol.

Madanakollu ma nistax ma naghtix hajr lil JC Sullivan tax-xoghol bikri tieghu voluntarju u devot allavolja min post daqshekk imbieghed. Hajr ukoll lil membri li servew u kellom jirtiraw minhabba pressjoni ta' xoghol.

Nota ta' kuragg tirrigwardja in-numru dejjem jikber ta' membri godda. Mindu dhalna ghad-difiza tal-wied tal-Bahrija kien hemm numru sostanzjali ta' abbonamenti li ma kienx rifless fis-snin ta' qabel. Dan hu ta' kuragg u nitlob li l-kumitat il-gdid isib sistema effettiv ghat-tigdid tal-membership.

Il-laqghat l-aktar ricenti tal-kumitat uxxenti taw hafna hin ghar-revizzjoni tal-istatut tal-Assocjazzjoni, biex dan jaspira ghac-cirkustanzi u ligijiet godda taz-zmien. Il-kumitat wasal ghad-decizzjoni li jibghat ghall-iskrutinju taghkom, l-emendi li jahseb li huma necessari biex ikum hemm tmexxija ahjar. Nispera li lkoll kemm intom tajtuhom daqqa t'ghajn u nixtieq nirringrazzja lil-dawk li kitbu lura bis-suggerimenti taghhom, li dawn ukoll illum ser nikkunsidraw.

Allura nieqaf hawn halli naghtu l-importranza u z-zmien dovuti lil dan l-aspett tas-Seduta General tallum, u niehu l-ispunt biex nitlob sospensjoni tal-Agenda biex nghaddu minnufih ghad-diskussjoni dwar dawn l-amendi. Nahseb li importanti ukoll li hekk kif jigi approvat l-istatut nghaddu mozzjoni biex jibdew japplikaw miinufih il-klawsoli kolla tal-istatut kif imgedded.

Alex Vella
Segretarju

06.02.2010